

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

NRU 137/2016

tat-8 ta' Lulju 2016

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/359]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu, Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1 tat-3 ta' Diċembru 2015 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-bifenażat, għall-boskalid, għaċ-ċjażofammid, għaċ-ċiromażina, għad-dażomet, għad-ditijokarbamati, għall-fluważifop-P, għall-mepanipirim, għall-metrafenon, għall-pikloram, għall-propamokarb, għall-piridaben, għall-pirjofenon, għas-sulfoksaflo, għat-tebukonażol, għat-tebufenpirad u għat-tiram f'ċerti prodotti jew fuqhom ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni rigward l-għalf u l-oġġetti tal-ikel. Il-leġiżlazzjoni dwar l-għalf u l-oġġetti tal-ikel ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali għall-Anness I u fl-introduzzjoni tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.
- (3) Għalhekk, l-Anness I u II tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 40 (ir-Regolament (KE) Nru 396/2005) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu II tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE:

“— **32016 R 0001**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1 tat-3 ta' Diċembru 2015 (ĠU L 2, 5.1.2016, p. 1).”

Artikolu 2

L-inċiż segwenti jiżdied fil-punt 54zzy (ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

“— **32016 R 0001**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1 tat-3 ta' Diċembru 2015 (ĠU L 2, 5.1.2016, p. 1).”

Artikolu 3

It-test tar-Regolament (UE) 2016/1 bl-Iżlandiż u bin-Norveġiż, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-9 ta' Lulju 2016, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2016.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

BERGDÍS ELLERTSDÓTTIR

⁽¹⁾ ĠU L 2, 5.1.2016, p. 1.

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.